MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Appell Kriminali Numru. 300/2008

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Alexandra Balzan**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fit-28 t’April, 2008, gewwa fond “Villa Anthea”, Triq il-Gibjun, Attard

1. heddet bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, wadbet u/jew qabdet arma (sikkina tal-kcina) kontra zewgha Amadeo Balzan;
2. fl-istess cirkostanzi, ingurjat jew heddet lil zewgha Amadeo Balzan bi kliem.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-14 t’Ottubru, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 339(1)(b) u (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma sabitx lill-appellanti hatja tal-ewwel akkuza w

ghaldaqstant illiberataha, waqt li sabitha hatja tat-tieni akkuza w ikkundannataha ghal gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-23 t'Ottubru, 2008, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabitha mhux hatja ta' l-ewwel imputazzjoni w tirrevokaha in kwantu sabitha hatja tat-tieni imputazzjoni w konsegwentement tilliberaha minn kull imputazzjoni w piena skond il-Ligi, u f'kull kaz anke jekk il-Qorti ssib htija, li tigi applikata piena aktar adegwata ghall-kaz skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellanti li huma s-segwenti :-

1. illi l-provi prodotti ma jwasslux fil-grad rikjest mill-Ligi ghas-sejbien ta' htija ta' l-appellanti. Il-prosekuzzjoni trid tipprova, minghajr dubbju dettat mir-raguni li kienet l-appellanti l-attrici tar-reat kontemplat fit-tieni imputazzjoni w dan ma sehhx;
2. illi tenut kont il-principji bazilari li jirregolaw kull process penali, l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha minghajr dubju dettat mir-raguni. F'dan il-kaz ghandna lill-Amadeo Balzan illi allega certi atti llegali maghmula mill-appellanti fil-konfront tal-persuna tieghu w ghandna l-appellanti illi cahdet illi hi, fost l-ohrajn ingurjat jew heddet lil zewgha Amadeo Balzan bi kliem. Ghalhekk hawn si tratta ta' kaz bazat fuq konflitt ta' provi. Filwaqt li dak li qed jghid Amadeo Balzan irid jigi ppruvat b'certezza morali, ghad-difiza hu bizzejjed ghaliha bil-ligi, illi mill-provi w mill-argumentazzjoni taghha dwar l-istess provi, tasal sal-grad tal-probabbli sabiex tnissel dan id-dubju w tisskossa l-kaz tal-prosekuzzjoni;
3. illi l-buon sens jiddetta illi kieku l-Ewwel Qorti emmnet il-verzjoni ta' Amadeo Balzan, allura per necessita' l-appellanti kellha tinstab hatja anke ta' l-ewwel imputazzjoni. Illi kieku dik l-Ewwel Qorti qieset dak li qal Amadeo Balzan bhala kredibbli w verosimili, allura ma

kienx ikun hemm lok ta' liberazzjoni mill-ewwel imputazzjoni. Minkejja illi l-Ewwel Qorti ma tat l-ebda raguni ghalfejn hi ma sabitx lill-appellanti hatja ta' din l-imputazzjoni, uzat il-buon sens, ghandu jirrizulta li l-Ewwel Qorti ma emmnitx lil Amadeo Balzan li l-appellanti heddet bil-gebel jew bi hwejjeg ohrajn iebsin, waddbet u/jew qabdet arma (sikkina tal-kcina) kontrih. Hu sorprendenti ghalhekk kif l-Ewwel Qorti tpoggi in dubju serju tezi tal-uniku xhud tal-prosekuzzjoni w cioe' ta' Amadeo Balzan ghal dak illi jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni w ma taghmilx l-istess haga ghal dak illi jirrigwarda t-tieni imputazzjoni. Legittimament u raggjonevolment, wiehed ma jistghax jifhem kif l-Ewwel Qorti qed tiskarta kompletament dak li qed jghid Amadeo Balzan dwar l-ewwel imputazzjoni w temmnu in kwantu ghall-estremi tat-tieni imputazzjoni;

4. Illi in effetti ghal dak illi jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, l-Ewwel Qorti, jidher illi ghazlet illi tinjora ghal kollox ix-xhieda moghtija mill-appellanti w tiehu biss in konsiderazzjoni dak illi xehed Amadeo Balzan, illi fl-umli fehma ta' l-appellanti hija nfondata fil-fatt. Ghaliex ghal dak illi tirrigwarda t-tieni akkuza ghandu jitwemmen Amadeo Balzan b'certezza morali w ma titwemmienx l-appellanti fuq bazi ta' probabilita'?

5. illi inoltre l-prosekuzzjoni ghandha l-oneru illi ggib l-ahjar prova w f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni naqset milli ggib tali prova, konsistenti fix-xhieda tas-seftura illi kienet prezenti dakinhar gewwa d-dar matrimonjali, liema xhud setghet taghti rendikont imparzjali ta' dak illi gara dakinhar 28 t'April, 2008;

6. illi s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti hija bbazzata fuq apprezzament ta' fatt li ma giex ippruvat mill-prosekuzzjoni jew li, fl-aghar ipotezi, kellu jwassal lill-Ewwel Qorti tillibera lill-appellanti in vista ta' kunflitt ta' provi;

7. illi fi kwalsiasi kaz, il-prova tad-difiza, konsistenti fix-xhieda tal-appellanti ghandha fuq bazi ta' probabilita' tiskossa t-tezi sostnuta minn Amadeo Balzan;

8. minghajr pregudizzju ghall-premess u dejjem *in ultima analizi,* l-piena nflitta hija eccessiva, anke in kwantu illi l-appellanti hija omm ta' tlett itfal minuri, Anthea, Amber w Angelika, li huma llkoll dipendenti fuq l-appellanti.

Rat illi fis-seduta tal-lum, meta gie msejjah biex jixhed il-kwerelant Amadeo Balzan, huwa ddikjara illi kien qed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali biex ma jkomplix jezaspera s-sitwazzjoni familjari bejnu w bejn martu iktar milli diga' hi.

Rat illi in vista ta' din ir-rinunzja l-azzjoni kriminali fir-rigward tat-tieni imputazzjoni tigi estinta.

Konsegwentement tilqa' l-appell billi tirriforma s-sentenza appellta billi fl-ewwel lok tiddikjara l-procediment ezawrit fuq it-tieni imputazzjoni w ghalhekk tillibera lill-istess appellanti minn din it-tieni imputazzjoni w tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ddikjarataha mhux hatja tal-ewwel imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------